# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 467/2018 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**CB**

**Vs**

**PC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CB, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa zzewweg lill-intimata fl-ghoxrin (20) ta' Mejju elf disa' mija u disghin (1990) (Certifikat taz-zwieg anness u marker **Dok 'A'**).*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz tas' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Amanda Grech tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkara **Dok 'B'**.*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla, RB, li twieldet fl-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992), u li ghaldaqstant hija maggorenni.*

*Illi l-manteniment dovut lill-intimata dejjem gie mhallas mir-rikorrent regolarment u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment.*

*Illi sal-lum ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom separati legalment u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent CB jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata PC bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru skont il-ligi, u dan kollu that kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi PC mhux assistita u  informat lill-Qorti li hi ma taqbilx mad-divorzju, izda gja ladarba l-attur jixtieq id-divorzju, ghandu jiehdu. (Vide fol 16);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar l-20 ta' Mejju 1990, u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla li llum hija maggorenni. (Vide dok A, a fol 3);

Irrizulta wkoll illi l-partijiet ilhom separati legalment b'kuntratt datat 3 ta' Lulju 2014, in atti tan-Nutar Amanda Grech. (Vide Dok B, a fol 4 et seqq.);

**CB** xehed a fol 17 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Mejju 1990 u kien ottjenew separazzjoni legali fit-3 ta' Lulju 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda li llum il-gurnata hija maggorenni. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**PC** a fol 19 *et seqq* xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
***[...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom***

***ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 3 ta' Lulju 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Amanda Grech, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**